# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tita Budescu u Danciu Vasile**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Tita Budescu** detentriċi tal-passaport Rumen 087044630 u **Danciu Vasile** detentur tal-passaport Rumen 12796435, li permezz tagħhom huma ġew mixlija :

> Talli fit-28 ta' Mejju 2016 ghal habta tad-9:00hrs gewwa Pjazza Narbona Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer ikkommettew serq semplici ghad-detriment ta' Maria Annunziata Buttigieg u/jew persuni ohra.
>
> Lil Tita Budescu wahidha nakkuzha talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi irrendiet ruhu recidiva ai termini tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gejt misjub hati b'sentenza moghtina mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Semgħet ix-xiehda imresqa mill-Prosekuzzjoni;

Rat li matul is-seduta tat-8 ta' Lulju 2016 l-imputati, preżenti l-interpretu maħtur mill-Qorti, iddikjaraw li kienu ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba rispettivament kontra tagħhom.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem sempliċi u li jinftiehem l-effetti u l-konsegwenzi li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija għall-akkużi li jkunu miġjuba kontrihom individwalment u separatament fis-sens li l-Qorti setgħet, fuq din l-ammissjoni tgħaddi biex issibhom ħatja u timponi piena skont il-Liġi, li fiċ-ċirkostanzi segħtet tkun waħda ta' priġunerija.

Wara li tat żmien biżżejjed lill-imputati sabiex jekk iridu jerġgħu lura mill-istess dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u wara li anke tat l-opportunita' li jikkonferixxu ma' Avukat Difensur u li huma pero ddikjaraw espressament li ma riedux, reġgħu tennew li huma kienu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr illi ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

# *Deċide :*

li għar-raġunijiet premessi, filwaqt li ssib lil fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat stess, il-Qorti qegħda ssib lil **Tita Budescu**, reċidiva f'delitti u lil **Danciu Vasile** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u wara li rat l-Artikoli 284 u 285 fil-konfront taż-żewġt imputati kif ukoll l-Artikoli 49, 50 u 289 fil-konfront ta' Tita Budescu tikkundannhom għal piena ta' :

*(a) kwantu għal Tita Budescu – tliet xhur priġunerija;*

*(b) kwantu għal Danciu Vasile – xahar priġunerija.*

*Mogħtija illum it-8 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Aaron M. Bugeja*